**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLR) li nżammet nhar id-9 ta' Marzu 2020 fis-6.20pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**12.01 Talba**

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, Omar Farrugia l-kunsillieri qalu t-talba flimkien.

**12.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm.

**12.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti**

Il-minuti tas-seduta numru disgħa u għaxra (laqgħa straordinarja) sarulhom xi korrezzjonijiet żgħar u dawn kienu mressqa għall-vot mis-Sindku u ssekondati mill-Viċi Sindku u għaddew unanimament. Il-minuti tal-ħdax-il seduta ma sarux għaliex is-seduta ma nżammitx.

**Punti mill-minuti**
Grace Marie Zerafa semmiet l-***Afternoon tea*** li kien organizzat nhar il-Ħadd, 8 ta' Marzu fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara. Hija qalet li l-attendenza kienet waħda tajba ħafna u dawk kollha preżenti ngħataw fjuri bħala tifkira. Inġabru wkoll €250 li se jkunu mogħtija lill-*Puttinu Cares*. Hija għamlet referenza wkoll għall-Party tal-Karnival tat-Tfal li nżamm ukoll fil-bini tal-Iskola Primarja nhar it-Tnejn 24 ta' Frar fejn għal dan ukoll l-attendenza kienet waħda tajba ħafna u kull tifel u tifla ngħataw tifkira tal-okkazjoni.

**12.04 Xogħlijiet tal-Pjazza tal-Knisja mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku qal illi x-xogħlijiet mexjin b'pass mgħaġġel fil-Pjazza tal-Knisja u jekk ma jinqala' xejn sa' Mejju 2020 din tilħaq titlesta bil-pavimentar. Sadanittant kien hemm diversi kummenti dwar it-traffiku u ntqal illi fil-każ tal-Pjazza dak li kien hemm imwiegħed mill-MTIP kien attwat. Grace Marie Zerafa qalet illi hemm l-*element ta' safety* dwar kif u fejn hu magħluq temporanjament biex jgħaddu l-*pedestrians* u r-residenti allura mportanti li jittieħdu l-miżuri kollha u mhux ġieli partijiet ma jkunux magħluqa u mingħajr sinjal. Jonathan Dingli qal illi

fit-triq tan-Nofs (Triq il-Parroċċa) waqa' anzjan fuq xi tappiera filwaqt li kien hemm kritika illi f'din it-triq hemm wisq *manholes*. Intqal illi dawn it-tappieri huma differenti għaliex dawk tad-drenaġġ huma tondi filwaqt li tal-ilma huma kwadri. Is-Sindku rrisponda li dawn l-affarijiet ħadu kollox *in consideration* u fir-responsabbilita' tagħhom nies esperti f'dan il-qasam li huma konċernati f'dan il-proġett.

**12.05 Il-proġett *Green Infrastructure* – Gal Xlokk (By-pass)**

Id-DSE qal illi hekk kif hemm il-bankina maqlugħa mas-*centre strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bejn Triq il-Barrieri u Triq Karmenu Ciantar, tajjeb lil ma' dawn is-servizzi imsemmija jgħaddi pajp tal-irrigazzjoni biex jissaqqew is-siġar skont kif kien elenkat fl-applikazzjoni tal-*Green Infrastructure* sottomessa lill-GAL Xlokk. Grace Marie Zerafa qalet illi li kif dejjem saħqet f'laqgħat preċedenti għandna niktbu lill-Ministru dwar dan kollu saqbiex nispjegawlu u nipprovaw inġibu permess li nagħtu *direct order* sabiex ma nitilfux il-flus. Kien deċiż illi tintbgħat talba lid-Direttur, Gvern Lokali biex ningħataw iċ-ċans inwettqu x-xogħlijiet peress li ħadd ma kien ittenderja fiż-żewġ stanzi. L-istima tas-supplier għadha ma kienetx ippreżentata.

**12.06 L-Offerta Pubblika tal-Ġonna u l-evalwazzjoni tal-Offerti tal-Perit u tal-Contract Manager**

Dan il-punt ma kienx eżawrit minħabba l-fatt li riedu jsiru l-approvals fuq is-sistema tat-tenders mill-membri tal-bord (Is-Sindku, Jonathan Dingli u Henry Zaffarese).

**12.07 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar – Diċembru 2019**

Kien approvat b'vot unanimu ir-Rapport Finanzjarju għar-Raba' kwart tal-2019.

**12.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 572**

Kien hemm l-approvazzjoni tal-Payment Approval Sheet numru 572 li kienet imressqa u li għaliha kien hemm vot unanimu.

**Punti Oħra**

Se nqabbdu n-nies tagħna sabiex imorru jġibu l-maskli u l-ingwanti biex tittieħed il-prekawzjoni kontra t-tfaqqieħ tal-***Corona Virus***, mis-sede tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Kien hemm skambju tal-ittri bejn Grace Marie Zerafa, Dr Charlene Muscat u l-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-**Bord tal-Governanza** fil-każ kontra l-Eks Sindku is-Sur Noel Galea fejn kien ta x-xhieda tiegħu id-Deputat Segretarju Eżekuttiv quddiem l-istess bord, u l-bord qata' dan il-każ kontra tagħna għaliex ma xehdetx Dr Charlene Muscat.

Minħabba li r-***road alignment*** tal-entratura tal-**By-Pass kantuniera ma' Triq Valletta** hu wieħed kontroversjali, is-Sindku bil-permess tal-Kunsill ċempel lill-Perit u qiegħed il-*mobile* fuq *speaker*. Hawn ingħad illi it-twessiegħ bil-bankini forma ta' dik imsejħa żaqq fuq in-naħa ta' Triq Valletta, hija miżura li se ġġiegħel lil min ikun ġej min-naħa tal-iskola li jkollu jieqaf għaliex il-preċedenza se jeħduha dawk li minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ikunu sejrin lejn Ħal Kirkop. Is-DSE qal illi sa mill-Pjan Lokali għan-Nofsinhar ta' Malta tal-2005, kien hemm

indikazzjoni ċara li f'dan il-post ried ikun hemm titjib fl-immaniġġar tat-traffiku. F'dan il-punt Owen Sciberras qal illi bħala Kunsill ma rridux noqgħodu nistennew l-awtoritajiet li jagħmlu l-laqgħat magħna, iżda aħna għandna nkunu proattivi u niltaqgħu magħhom dwar xi ħaġa bħal din. Is-Sindku wieġeb li wara ħafna tentattivi sabiex ikollna l-pjanti, din ġiet mgħoddija lilna ftit tal-ġranet ilu. Dan huwa proġett li ser ikompli jtejjeb l-aċċessibilita' traffiku iżjed ikkontrollat li żgur ser jitnaqqas l-ispeed li bih ikunu għaddejjin il-karozzi, muturi, trakkijiet ecc.

Jonathan Dingli staqsa jekk hux se jsiru **culverts tal-ilma fil-by-pass** minħabba li fiha joqgħod ħafna ilma f'xi partijiet. Is-Sindku qal li iva, dawn ser isiru sabiex tkompli tittaffa' l-problema tal-għargħar li r-residenti jaffaċċjaw tul il-by-pass kollha b'mod speċjali fi Triq in-Nazzarenu, Triq il-Katakombi, Triq il-Mentna u Triq il-Murselli. F'dan il-punt id-DSE qal illi l-akbar uġiegħ ta' ras bħala KLM hija fejn se joqgħodu l-**kabbani** peress li intqal illi naħa minnhom saret bankina li dejqet it-triq b'1.8m; xi ħaġa li kienet żvelata f'din il-laqgħa. Is-Sindku wieġeb li għandha tinstab soluzzjoni oħra sabiex il-festi jkomplu jitgawdew bl-aħjar mod pero' iżjed u iżjed is-sigurta' lejn in-nies u lejn is-sewwieqa tibqa' bħala prijorita'. Jonathan Dingli staqsa jekk hux se nieħdu **il-*Planning Gain* fuq il-pannelli** li se jsiru fil-lokalita' tagħna u li għalihom tħaffer gandott fit-toroq arterjali tal-Imqabba. Is-Sindku qal illi l-Awtorita' tal-Ippjanar semgħet l-appell min-naħa tad-developer u dan il-proġett ma waqgħax taħt il-prova ta' Planning Gain, b'kawża t'hekk is-somma li kienet ser tingħata lill-Kunsilli tal-Imqabba u tal-Qrendi ġiet nulla wara voti mill-bord kollu tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Jonathan Dingli ippreżenta stima għall-***service pillars*** biex jintużaw **għall-kabbani tal-festi** u attivitajiet oħra. Din l-istima hija ta' Eur2,846 għal kull *service pillar.* Hu qal illi din ikun fiha fost l-oħrajn meter tad-dawl u l-kont jitħallas permezz ta' ċippa minn qabel u jkun jista' jitħallas fil-KLM. Dwar din il-proposta intqal illi ma jistax ikun li noħorġu dawn l-ispejjeż, pero' jagħmel sens illi ngħaddu l-infrastruttura kollha minn taħt it-triq ħalli f'każ li jkun hemm il-fondi u dawn isiru, ikun hemm kollox mgħoddi u mhux nerġgħu naqilgħu it-triq. Kien propost li ssir laqgħa bejn il-kuntrattur, il-KLM u Infrastruttura Malta.

Is-Sindku qal li tkellem mas-Superjur tal-MUSEUM minħabba l-**bollards proposti fi Triq Santa Marija.** Hu qal illi bħala Kunsill ippreparajna ittra u se titqassam lil kull ġenitur għaliex it-triq mhux se tingħalaq fiżikament waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ mill-Mużew. Ser naraw kif immorru b'dan l-avviż u jekk il-problema tiggrava, jew tibqa' l-istess, naraw x'miżuri oħrajn għandhom jittieħdu.

Is-Sindku ippropona illi nifthu l-applikazzjonijiet biex ikun imwaqqaf mill-ġdid il-**Kunsill Lokalli taż-Żgħażagħ**. Dan se jkun bħala sotto kumitat u s-Sindku se jkun magħhom għal-laqgħat. Is-Sindku ordna li jinħarġu l-applikazzjonijiet għal dawk interessati u jagħlqu nhar it-Tnejn, 13 ta' April, 2020.

Daħlu bosta ilmeti minħabba **boroż tal-iskart** li qed jitħallew għal jiem sħaħ fi Triq il-Barrieri, Triq il-15 ta' Settembru u Triq tas-Sejba. Grace Marie Zerafa talbet sabiex nibgħatu ittra fid-djar ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn il-ħanut ''Dar il-Bidwi'' biex ir-residenti jibdew joħorġu l-borza t-tajba fil-ġranet rispettivi tal-ġbir.

Grace Marie Zerafa semmiet talba li reġgħet inqalgħet fuq *Sleeping Policeman* fi Triq Ħal Kirkop. Hija nfurmat lill-Kunsill li r-residenta li qed titlobha ma kellha l-ebda' oġġezzjoni li din issir quddiem id-dar tagħha. Kien deċiż illi l-KLM japplika għal ***sleeping policeman* fi Triq Ħal Kirkop** quddiem ir-residenza 134, Fior Del Giglio peress li din ir-residenta qalet illi tixtieqa. Dan għaliex qed ikun rappurtat ħafna sewqan bl-addoċċ. Intant kien hemm qbil sabiex nibgħatu notifika lir-residenti ta' Ħal Kirkop li joqgħodu bejn Triq in-Nazzareu u Triq il-Katakombi biex ninfurmawhom bil-ħsieb tagħna.

Dwar il-problema bid-**drenaġġ tal-latrina pubblika** saret laqgħa bejn is-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Eks Sindku u r-rappreżentant tal-Perit flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. F'din il-laqgħa inħass il-bżonn li tintbgħat ittra lil Paul Farrugia biex jiskatta l-perjodu ta' preskrizzjoni. Għada se ssir laqgħa mas-Sur Paul Farrugia dwar il-bżonn li jinfetħu l-kaptelli ta' fuq is-sifun li intradmu bil-madum waqt ix-xogħlijiet li jinqabdu wkoll minn fuq googlemaps.

Grace Marie Zerafa ipproponiet illi nhar l-14 ta' April 2020 isir **Coffee Morning** u żjara lill-Arka ta' Noe. Għal din il-proposta ma kienx hemm oġġezzjoni.

Jonathan Dingli talab lill-KLM jinsisti dwar it-tpoġġija ta' **traffic lights fi Triq il-Qrendi** ftit 'il fuq mill-mekkanik.

Jonathan Dingli talab illi ssir **manutenzjoni bil-cold asphalt fi Triq Valletta l-Qadima.** Hawn id-DSE kien mitlub sabiex noħorġu mill-ġdid il-kuntratt manutenzjoni tat-toroq u tal-bankini.

Jonathan Dingli talab illi jinqata' l-**ħaxix ħażin** minn Triq George Martin u jsiru il-**parking lines** fi Triq il-Murselli filwaqt li Henry Zaffarese talab li jsiru wkoll dawn fi Triq il-Ħajt tal-Matla. Dwar Triq George Martin is-Sindku qal illi għaddejjin diskussjonijiet dwar e*xpropriations* li jridu jsiru u c-CEO ta' *Infrastructure Malta*, is-Sur Fredrick Azzopardi xtaq illi jiltaqa' ma' dawn il-familji sakemm jitlesta l-proċess tal-*expropriation* u jibda' x-xogħol. Nistennew min-naħa tagħhom.

Owen Sciberras talab illi ssir **iż-żabra ta' siġra taż-żebbug** li tinsab fi Triq tas-Sejba kantuniera ma Triq il-Parroċċa.

Owen Sciberras tkellem dwar il-ħsarat li hemm fuq l-arja kkundizzjonata fil-**librerija pubblika.** Hu qal illi wieħed minn dawn il-units ġie rranġat b'xejn. L-ieħor hu tal-kumpanija Ariakon u illikjalu l-gass. Hu esebixxa stima u ritratti ta' xkaffi biex jitpoġġew fil-librerija għall-kotba, liema stima tlaħħaq il-Eur11,000. Din ma kienetx approvata. Dwar id-dawl fis-suffett li wkoll irid jitranġa, se nġibu *electrician* għax iridu jinbidlu xi holders u mhux sempliċiment it-tubu.

Jonathan Dingli semma' il-friegħi tas-**siġar il-mejtin li hemm fi Triq Mikelang Sapiano**. Hu qal illi diġa' waqgħet fergħa minn waħda mejta u fortunatament ma laqtet lil ħadd. Hemm il-proposta wkoll illi jsir il-bdil tar-railing tal-ħadid. Id-DSE qal li jridu jimtlew il-formula u l-permessi neċessarji u jiġu mgħoddija lill-ERA sabiex isir dan.

### 12.09 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss

Din il-laqgħa intemmet fid-21:10 u dik li jmiss se ssir nhar is-7 ta' April 2020 fis-6.30pm għaliex fis-6.00pm l-Kunsill kien mistieden jiltaqa' mal-Onor Julia Farrugia Portelli, l-Ministru tat-Turiżmu, fuq xewqa tagħha stess.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar is-7.4.20 minn Omar Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku